***Worksheet* S6.4.5**
Napprezzaw is-sbuħija tal-Belt Kapitali Maltija u nifhmu l-bżonn li nieħdu ħsiebha sew.

## IS-SBUĦIJA TAL-BELT VALLETTA

*(noti ta' Mario Debono u George Calleja)*



Billi l-Kavallieri kienu nies sinjuri mill-aqwa familji tal-Ewropa, minbarra d-difiża huma ħadu ħsieb ukoll is-sbuħija tal-belt il-ġdida tagħhom. Filwaqt li komplew jibnu fortifikazzjonijiet ġodda sabiex isaħħu dejjem iżjed il-Belt bħala fortizza, matul is-snin saru xogħlijiet arkitettoniċi u opri tal-arti biex isebbħu lill-Belt u jagħmluha belt kapitali li tixraq lil mexxejja nobbli bħalhom.

Meta kienu serrħu rashom mid-difiża, il-Kavallieri bdew jagħtu dejjem iżjed kas tat-tiżjin tal-bini u kumditajiet oħra. Huma bdew jikkompetu bejniethom dwar min kellu l-ħila jsebbaħ il-palazzi tiegħu l-aktar. Inbnew teatru, djar privati, knejjes, funtani u monumenti. In-naħa ta' ġewwa tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann reġgħet ġiet imżejna fuq stil barokk. B'hekk, il-binjiet fil-Belt ħadu xejra aktar imnaqqxa u mżejna bi skulturi li ħadu post is-sempliċità tal-istil ta' Ġlormu Cassar.

*Il-Knisja Konventwali minn ġewwa*



**Ftakar:**

1. Il-Belt Valletta hija meqjusa bħala *World Heritage Site*. L-arkitettura barokka u l-opri tal-arti li fiha huma wirt tal-umanità kollha.
2. Irridu nieħdu ħsieb il-Belt Kapitali tagħna u nikkonservawha (inżommuha fl-aħjar kundizzjoni possibbli). Mhux biżżejjed li jsir ir-restawr meħtieġ; irridu noqogħdu attenti wkoll li ma nkunux qed nagħmlu l-ħsara aħna stess – xi eżempji:
   - Ma nimxux bit-tkaken fuq il-paviment tal-Kon-Katidral.
   - Nikkontrollaw it-traffiku għaliex id-dħaħen jagħmlu l-ħsara lill-ġebel.

**A: Agħmel sinjal taħt it-tajba.**

1. Is-swar tal-Belt Valletta huma b'saħħithom ħafna għax huma (mibnija ġebla fuq oħra, taż-żonqor, maqtugħin ġol-blat).
2. Ħafna mill-kantunieri li nsibu fil-Belt huma mżejnin b'xi (statwa, fjura, knisja).
3. Inħarġu bosta (regolamenti, kotba, fuljetti) għal min xtaq jibni fil-Belt, anki għal djar privati.
4. Minn barra, il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann hija (mżejna bid-deheb, lixxa, mimlija skultura).
5. Fuq ġewwa tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann insibu bosta (knejjes oħra, opri tal-arti, draguni).
6. Għad-divertiment tal-Kavallieri u anki tal-poplu, inbena (*casino*, forti, t-teatru Manoel).
7. Il-Belt Valletta ġiet iddikjarata Wirt Dinji tal-Umanità mill- (Parlament Ewropew, UNESCO, Papa Piju V).
8. Meta l-bini li hemm fil-Belt tiġrilu xi ħsara, għandna (nwaqqgħuh, nħalluh kif inhu, nirrestawrawh).

**B: Kurżitajiet – Ara ssibx . . .**

1. Min kien il-Gran Mastru li żejjen il-Palazz tal-Gran Mastri b'sett arazzi famużi?

   ______________________________________________

2. Liema Gran Mastru ried li l-faċċata tal-Berġa ta' Kastilja tinbena mill-ġdid bi stil barokk tal-ogħla livell?

   ______________________________________________

3. Il-funtani u l-ġonna li hemm fil-Belt saru wara li l-Gran Mastru Alof de Wignacourt wassal l-ilma fil-Belt.  X'kellu jsir biex jitwassal l-ilma mill-inħawi tar-Rabat sal-Belt?

_______________________________________________

4. L-ikbar pittura ta' Caravaggio tinsab fl-Oratorju tal-Kon-Katidral.  Liema hi?

_______________________________________________

5. Min pitter is-saqaf tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann?

_______________________________________________

6. Min bena t-Teatru Manoel?

_______________________________________________

7. X'qal Sir Walter Scott meta żar il-Kon-Katidral?

_______________________________________________

8. Pinġi jew waħħal stampa tal-Arma tal-Belt Valletta.